MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 3/2008

Joseph Grima

Vs

Maryanne Curmi

Il-Qorti,

**Manteniment ghall-minuri li qieghed fil-kura ta' missieru.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur fil-25 ta' Frar 2008 u li permezz tieghu ppremetta li:-

Il-kontendenti kellhom relazzjoni barra miz-zwieg li damet ghal 13 il-sena, minn liema relazzjoni twieled Marcel Pace

li ghandu 13 il-sena. Il-minuri jabita mal-attur li jipprovdilu ghal bzonnijiet tieghu.

Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti tkissret u l-konvenuta ghandha dhul tajjeb u tiggestixxi negozju tax-xaghar u sbuhija bl-isem Maryanne's Salon, li qieghed fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex kif ukoll negozju iehor ta' ornamenti tal-ward ghal okkazzjonijiet bhal tigijiet u precetti fil-knejjes u swali tar-ricevimenti.

L-ispejjez relatati mal-minuri qeghdin jikbru u l-attur kellu jzarma mix-xoghol ta' *taxi driver* qabel iz-zmien ta' irtirar biex jiddedika ruhu ghat-trobbija tal-minuri u qieghed ikollu jaghmel tajjeb minn flus imfaddlin ghaliex il-pensjoni li ghandu m'hijiex isserih.

L-attur isostni li hu l-obbligu tal-kontendenti li jmantnu lil binhom u l-konvenuta m'ghandix dritt li tibqa' tirrifjuta u b'hekk iccahhad lil binha mill-manteniment meta hi f'posizzjoni finanzjarja li taghti l-kontribut taghha.

Ghalhekk l-attur talab li l-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli sabiex tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri Marcel Pace.

2. Tiffissa r-retta alimentarja li l-konvenuta ghandha tibda thallas bhala manteniment ghal binha kull erbgha (4) gimghat, jew kull xahar, jew perjodikament kif tiffissa l-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas dan il-manteniment.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-28 ta' Marzu 2008 (fol. 15) il-konvenuta rrispondiet li:-

1. It-talbiet tal-attur huma nfondati ghaliex ghandu l-mezzi biex jaghmel tajjeb ghal manteniment ta' ibnu.

2. Il-konvenuta ghandha djun u mhuwiex minnu li ghandha introjtu tajjeb. Bil-kemm taqla' flus sufficjenti sabiex tghix u tmantni lilha nnifisha.

3. L-attur ghandu l-mezzi finanzjarji sabiex ighix hu u jmantni lill-ibnu. Ir-raguni li qieghed igibli ser jerfa' mix-xoghol ta' taxi driver qabel iz-zmien ta' irtirar biex jiddedika ruhu ghat-trobbija ta' ibnu hi biss skuza sabiex ikompli jdejjaq lill-konvenuta u jaghmlilha hajjitha iktar difficli.

4. Bejn il-partijiet kien sar ftehim verbali li l-konvenuta tirrinunzja ghal benefikati u miljoramenti li ghamlet fid-dar Grima House, Triq Pija Cellini, Nadur, Ghawdex li hi proprjeta' ta' l-attur, u li jammontaw ghal eluf ta' liri kbar in kontrokambju li l-attur jassumi l-obbligu ta' manteniment tal-minuri.

5. Il-konvenuta ghandha l-kura u kustodja flimkien mal-attur tat-tifel Marcel Pace, u jekk tigi kundannata thallas xi manteniment tali somma ghandha tigi fdata f'idejha sabiex tonfoq il-flus ghal bzonnijiet ta' binha u mhux jigu depozitati f'idejn l-attur ghaliex il-probabilita' hi li dawn ser jispiccaw depozitati fuq xi ktieb tal-bank tal-attur u mhux jintefqu fl-interess tat-tifel minuri.

Semghet ix-xhieda li ressqu l-kontendenti.

Rat l-atti kollha nkluz l-atti tal-ittra numru 88/2005 prezentata fit-22 ta' Novembru 2005.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. M'huwiex kontestat li l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien ghal numru ta' snin u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Marcel Paul li llum ghandu erbatax-il sena. Inoltre, il-minuri jghix mal-attur u jezistu

diffikultajiet kbar sabiex il-konvenuta tqatta’ hin ma’ binha[1]. Il-konvenuta tallega li binha qieghed jirrifjuta li jara u jqatta’ hin ma’ ommu ghaliex instigat mill-attur. Min-naha l-ohra l-attur isostni li d-diffikulta’ hi ghaliex il-konvenuta ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor u t-tifel ma jridx jaccetta dan il-fatt. Isostni wkoll li min-naha tieghu ma jsib l-ebda oggezzjoni li l-konvenuta u t-tifel iqattghu hin flimkien. Filwaqt li l-konvenuta kellha kull dritt li tkompli b’hajjitha wara li spiccat ir-relazzjoni mal-attur, il-kawza titratta talba tal-attur sabiex il-konvenuta taghti l-kontribut finanzjarju taghha ghat-trobbija tal-minuri Marcel Paul Grima. Mill-provi rrizulta li:-

(a) L-attur kien jahdem ghal rasu bit-taxi u b’sehh mill-1 ta’ Jannar 2005 gie boarded out. Adrian Attard[2] spjega li l-attur kien gie ezaminat minn bord mediku u kien instab mhux kapaci li jahdem u gie certifikat bhala invalidu; *“bhalissa l-attur qieghed jircievi kull gimgha s-somma ta’ sebgha u disghin euro u sebgha u sittin centezmu (€97.66). Din hija somma nt. Il-hlas isir darba kull erba’ (4) gimgha. Ma’ dan il-hlas jithallas ukoll an additional bonus ta’ tlett euro u tnax-il centezmu (€3.12) kull gimga. Intitolat ukoll li jircievi fix-xahar ta’ Gunju u fix-xahar ta’ Dicembru bonus fl-ammont ta’ tmienja u hamsin lira Maltin (Lm58) kull darba. Inoltre ghandu children’s allowance ta’ ghoxrin euro u tleita u sittin centezmu (€20.63) kull gimgha.”* (fol. 17).

(b) Il-konvenuta tahdem bhala hairdresser tax-xaghar u ghandha salon fin-Nadur. Taghmel ukoll xoghol ta’ *flower arrangements* u qalet li kull xahar thallas is-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) sabiex taghmel tajjeb ghas-self li ghandha mal-bank fuq id-dar taghha.

2. Skond l-Artikolu 7 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

---

[1] Ara sentenza li nghatat fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Grima** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-25 ta’ Novembru 2004.
[2] Principal Officer fid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali.

> **7.** (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

Wiehed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 3B tal-Kodici Civili hu l-obbligu tal-manteniment, u skond l-Artikolu 20:

> **20.** (1) Il-manteniment għandu jingħata skond il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.
>
> (2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.
>
> (3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u ta' l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt *trust*.
>
> (4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.
>
> (5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt *trust*.

Inoltre, skond l-Artikolu 19:

> **19.** (1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.
>
> (2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.

3. Ghal dawk li huma bzonnijiet tal-minuri, il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li llum l-attur qieghed jaghmel tajjeb ghalihom ma jfissirx b'daqshekk li l-konvenuta bhala omm m'ghandix l-obbligu li taghti l-kontribut taghha. Inoltre, il-fatt li l-attur m'huwiex batut mill-aspett finanzjarju ma

jfissirx b'daqshekk li l-konvenuta m'ghandix taghti l-kontribut finanzjarju taghha ghat-trobbija ta' binha. Skond digriet moghti mill-Qorti fl-4 ta' April 2006[3], l-attur inghata l-kura tal-minuri filwaqt li l-kustodja baqghet konguntttiva. Ma rrizultax jekk kien hemm xi zviluppi f'dan ir-rigward, ghalkemm mill-provi rrizulta inewkivokabilment li l-minuri jghix mal-attur. Bhala tali l-attur ghandu kull jedd li f'ismu proprju jipprocedi bil-Qorti sabiex jithallsu l-alimenti li hu jrid jissomministra lill-minuri li qieghed ighix mieghu.

4. Fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2008 il-konvenuta qalet li hi lesta li taghti kontribut finanzjarju fl-ammont ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15) jekk tibda tara lil binha; *"Jiena t-tifel irrid ikolli relazzjoni mieghu. Jekk it-tifel ma jridx jaf biha minhabba l-pressjoni li qed jaghmel il-missier, ma hemmx x'taghmel, hu jghix hajtu u jiena nghix hajti. Pero' jekk ikun hemm bzonn xi haga l-bieb tieghi dejjem miftuh. Jiena ommu, jekk il-Bambin irid la jikber u ma jibqax taht il-madmad ta' missieru, jirrealizza li jiena dejjem gid ridtlu u jigi ghandi."*. Filwaqt li l-Qorti tifhem id-dispjacir li ghandha l-omm li m'ghandix relazzjoni ma' binha u certament din m'hijiex is-sitwazzjoni idejal li fih ghandhom jitrabbew it-tfal, il-kwistjoni tal-manteniment hi ohra. Genitur jista' jichad li jmantni lil uliedu fil-kaz kontemplat fl-Artikolu 27 tal-Kodici Civili jew skond l-Artikolu 32:-

> **32.** Minbarra r-raġuni msemmija fl-artikolu 27, ġenituri jew axxendenti oħra jistgħu jiċħdu l-manteniment lit-tfal jew dixxendenti oħra għal kull waħda mir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat minn axxendent.

M'hemmx dubju li fil-kaz tal-lum ma tezistix xi cirkostanza[4] simili.

5. Fil-provi li ressaq l-attur ma ta l-ebda rendikont tal-ispejjez li fuq medja qieghed jaghmel ta' kull xahar ghat-trobbija tal-minuri. Il-Qorti temmen li l-mezzi finanzjarji tal-

[3] Ittra numru 88/2005.
[4] Ara Artikolu 623 tal-Kodici Civili.

attur m'humiex tali li l-minuri qieghed jigi mcahhad minn xi haga, minkejja li b'mod ufficjali jirrizulta li bhala dhul l-attur ghandu l-pensjoni ta' invalidita (ara xhieda ta' Adrian Attard[5]) u l-imghax mill-investimenti li ghandu fil-bank[6]. Il-Qorti ghandha l-ideja taghha dwar jekk l-attur huwiex verament inkapaci li jahdem jew jekk jistax jaghmel xi haga biex izid l-introjtu tieghu. Il-Qorti temmen li ghandha ssemmi kif fir-rikors guramentat l-attur iddikjara li *"..... kellu jerfa' mix-xoghol tieghu ta' taxi driver qabel iz-zmien tal-irtirar biex jiddedika hajtu ghat-trobbija ta' dan it-tifel....."* (fol. 2)[7]. Fir-realta' jirrizulta wkoll li l-attur gie *boarded out* wara li bord mediku ccertifika li m'huwiex tajjeb ghax-xoghol u sahansitra qieghed jircievi pensjoni ta' invalidita'. Meta xehed fis-seduta tat-2 ta' April 2008 (fol. 31) qal: *"Jiena ma ghadnix illum il-gurnata kapaci illi niddilja man-nies. Man-nies qed nghid il-klijenti tieghi illi jkollhom bzonn jaghmlu uzu mit-taxi."*. M'hemmx dubju li hemm kontradizzjoni bejn dak li qal l-attur fir-rikors guramentat u l-fatt li hu gie certifikat li m'ghadux kapaci jahdem.

Pero' min-naha l-ohra l-konvenuta ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' binha in kwantu l-Qorti hi moralment konvinta li l-mezzi finanzjarji taghha jippermettulha li taghti dan il-kontribut. Il-fatt li missier (setghet kienet l-omm) ikollu mezzi finanzjarji sufficjenti sabiex jaghmel tajjeb ghall-manteniment tat-tfal, b'daqshekk ma jfissirx li l-genitur l-iehor m'ghandix obbligu li tmantni fejn il-mezzi finanzjarji taghha jkunu jippermettulha. Fis-seduta tat-2 ta' April 2008 gie verbalizzat: *"L-attur mistoqsi mill-Qorti x'qed jippretendi minghand il-konvenuta bhala hlas* ***iddikjara li joqghod ghad-decizjoni tal-Qorti*** *u li sal-lum il-konvenuta ghadha m'ghamlet ebda pagament li l-qorti ordnatilha li taghmel."* (enfazi tal-Qorti - fol. 45). Min-naha taghha l-konvenuta ghamlet hilitha biex tpingi xenarju li l-mezzi finanzjarji taghha huma tali li ma jippermettulix li thallas manteniment. Il-Qorti m'hijiex konvinta minn dan u anzi hi

[5] Fol. 17-18.
[6] Fl-affidavit jsemmi c-cifra ta' elf u mitejn euro (€1,200) [fol. 29].
[7] Fl-affidavit qal: *"Sa kelli nirtira mix-xoghol qabel iz-zmien biex niddedika hini ghat-trobbija, kura u attenzjoni ta' dan it-tifel, li habta u sabta safa' minghajr omm."* (fol. 28).

tal-fehma li r-raguni ghalfejn ma tridx thallas manteniment hu principalment ghaliex m'huwiex ikollha access ghal binha u ma tridx taghti flusha lill-attur. Il-konvenuta qalet: *"Nikkalkula li l-bierah ftaht il-hanut mit-tmienja (8:00) sat-tlieta (3:00). Niftah mit-Tnejn sas-Sibt. Jekk ikolli bzonn niftah il-Hadd ukoll.* ***Nahdem ukoll bl-appuntament. Anzi, nahdem biss bl-appuntament."***. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta ilha s-snin f'din il-professjoni u n-negozju taghha hu wiehed stabbli. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-konvenuta fil-medjazzjoni li pprecediet il-kawza u wkoll meta xehedet fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2008. Il-konvenuta tipprezenta ruhha bhala mara habbrieka, energetika, determinata, indipendenti u taf xi trid. Meta hadet is-self mill-bank il-konvenuta kienet iddikjarat li fis-sena 2003 kellha qligh nett ta' sitt elef hames mija u hmistax-il lira Maltija (Lm6,515) (fol. 23). Qligh li ghamlet min-negozju tax-xaghar u *flower arrangements*. Ghalkemm il-konvenuta qalet li qeghda tahdem biss *part-time* u d-dhul taghha naqas ghaliex f'Ghawdex hemm hafna apprentisti li joperaw mid-dar, il-Qorti temmen li r-realta' hi ohra. Prova konkreta li l-qligh tal-konvenuta naqas matul dawn l-ahhar snin ma tressqitx u x-xhieda li tat il-konvenuta m'hijiex konvincenti. Waqt il-proceduri xehed Joseph Farrugia, direttur tal-kumpannija Beauty Import Limited (seduta tat-30 ta' April 2008) li spjega li l-konvenuta tixtri prodotti tax-xaghar u *".... hi klijenta regolari taghna u c-cifra turi illi hemm mhux ftit xiri ta' prodotti tal-kura tax-xaghar."*. Iktar 'il quddiem rega' kkonferma li *"....Mary Anne Curmi kif diga' ghidt hi klijenta regolari tal-kumpannija u l-ordnijiet taghmilhom matul is-sena kollha."*. Il-Qorti lanqas temmen li fir-rigward tax-xoghol tal-fjuri l-attrici qeghda biss tghin lill-genituri taghha f'okkazzjonijiet specjali bhal jum l-omm u l-missier u li l-introjtu taghha minn dan ix-xoghol hu irrizorju.

Wara li l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' binha fis-somma ta' mija u hamsa u erbghin euro (€145) fix-xahar pagabbli bil-quddiem.

6. Inoltre jinghad li l-Qorti m'hijiex sodisfatta li bejn il-kontendenti kien sar xi ftehim fis-sens li l-attur jibqa' jmantni lill-minuri u l-konvenuta ma tippretendi xejn ghall-ispejjez li setghet ghamlet fid-dar li hi proprjeta' ta' l-attur matul il-perjodu ta' relazzjoni. In kontro-ezami l-attur spjega: *"Jiena nichad li Mary Anne nefqet erbat elef lira Maltin (Lm4,000) fid-dar tieghi. Jiena ma' Mary Anne qatt ma ftiehemt illi se niehu r-responsabbilta' tal-manteniment kollu fuq spallejja u li Mary Anne ma taghtini xejn ghax ghamlet xi spejjez fid-dar."*[8]. Ghalkemm il-kontendenti ma kienux mizzewgin kienu jghixu bhala familja. M'hemmx dubju li ilu li wasal iz-zmien li din ir-realta' tigi ndirizzata mill-awtoritajiet kompetenti. Fil-gurnata tal-lum m'ghandux ikun li min jaghzel li jghix f'relazzjoni barra miz-zwieg qieghed, meta jinqala' l-inkwiet, isib hajt gholi ma' wiccu ghaliex il-ligi lokali ghadha ma tipprovdix ghal dan l-istat. Ir-realta' hi li iktar nies qeghdin jaghzlu li jghixu f'relazzjoni barra miz-zwieg, inkluz li jaghmlu perjodu ighixu flimkien qabel iz-zwieg. Hu fatt li tnejn min-nies li minflok jizzewwgu ghazlu li jghixu flimkien m'ghandhomx l-istess drittijiet bhal koppja mizzewwga. Hekk per ezempju fir-rigward ta' taxxa (inkluz taxxa fuq is-successjoni), f'kaz ta' mewt ta' parti bhal successjoni *ab intestato* jew kirja li tkun f'isem is-sieheb/siehba li tmut, pensjoni, manteniment, dritt ta' abitazzjoni fil-fond li jkun qieghed jintuza bhala residenza tal-partijiet, u drittijiet fuq il-patrimonju li parti tkun akkumulat matul il-perjodu tar-relazzjoni. Ghalkemm wiehed jista' jithajjar ighid li min jidhol ghal relazzjoni simili jkun jaf (jew messu jkun jaf) ghal x'hiex diehel jew li jista' jiehu certi prekawzjonijiet minn qabel, dan hu argument simplistiku li ma jqiesx iz-zmenijiet li qeghdin nghixu fihom. Ir-realta' socjali hi ohra u m'hemmx dubju li l-kwistjoni ghandha tigi ndirizzata. Ovvjament f'din il-kawza m'ghandnix dawn it-tip ta' problemi in kwantu l-kwistjoni hi dwar hlas ta' manteniment mill-konvenuta ghat-trobbija ta' binha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-

[8] Seduta tat-30 ta' April 2008.

konvenuta sabiex kull xahar thallas manteniment ghal binha Marcel Paul Grima fl-ammont ta’ mija u hamsa u erbghin euro (€145) pagabbli bil-quddiem u liema hlas ghandu jsir lill-attur li mieghu qieghed ighix il-minuri.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------